


## *Jistgħu jinteressawk*

**L-Erbgħa 15 ta' Lulju:** Fis-6.15pm, fil-Knisja Parrokkjali tan-Nadur, laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard, qassis djoċesan, b'riflessjoni minn Dun Anton Grech. Din il-laqgħa hi miftuħa għal kulħadd, u tinżamm kull tielet Erbgħa tax-xahar.

**Is-Sibt 18:** Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, Ta' Ħamet, b'quddies fis-7.30pm u f'12.00am.

gozopress

IL-ĦADD 12 TA' LULJU 2026
IL-ĦMISTAX-IL ĦADD TA' MATUL IS-SENA (SENA A)

# BULLETTIN *tal-Ħadd*

IT-58 SENA | 3668

DJOĊESI ta' GĦAWDEX

IL-QUDDIESA MFISSRA (29)

## L-ISTEDINA GĦALL-IKLA

Is-saċerdot jieħu f'idejh l-ostja u jgħid lill-ġemgħa: *"Dan hu l-Ħaruf ta' Alla, dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf".* B'hekk jistieden lill-ġemgħa għal din il-mejda tal-Mulej. Is-saċerdot flimkien mal-ġemgħa nagħmlu lkoll att ta' fidi u umiltà u nirrepetu l-kliem taċ-ċenturjun fil-Vanġelu (ara Lq 7:6): *"Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda, u ruħi tkun imfejqa".*



## LITURĠIJA TAL-KELMA

**1Q:** Iż 55:10-11: Ix-xita ġġiegħel l-art tnibbet.
**S:** Salm 65: Iż-żerriegħa waqgħet f'art tajba, u għamlet il-frott.
**2Q:** Rum 8:18-23: Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew imxennqa d-dehra ta' wlied Alla.
**V:** Mt 13:1-23: Wieħed bidwi ħareġ jiżra'.